**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' Gunju, 2021**

**Mandat Nru: 686/2021/1 AF**

**L-Avukat Dr. Robert Zammit**

**vs**

**Peter *sive* Pierre Falzon u Helen sive Elenita Falzon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta u d-dokumenti maghha annessi.

Rat l-Art. 874 tal-Kap. 12.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri qed jittenta jikkawtela pretensjoni tieghu ghal hlas ta' danni lilu kawzati wara li ntalab u nhareg mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tieghu.

L-intimati jikkontendu illi lanqas mad-daqqa t'ghajn ma jirrizulta dritt ghad-danni ghaliex l-istess intimati agixxew bil-ghan li jharsu jeddijiet taghhom u ghalhekk ma jisgthu qatt jigi tenuti responsabbli ghad-danni.

Huma jiccitaw diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati fil-kuntest. Madanakollu donnhom konvenjentement jinsew illi:

> *"Il-principji assodat mill-gurisprudenza lokali huwa li l-ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilità ghad-danni, <u>sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permissibbli mil-ligi</u>. Huwa meta persuna tagixxi <u>kapriccozament</u> jew b'<u>mala fede</u>, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha."* – (John Zarb vs Port Cottonera Limited deciza fit-18 ta' Settembru 2002) (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti tqis illi l-ezercizzju sabiex tigi kostatata l-ezistenza o meno ta' abbuz jew *mala fede* imur oltre il-parametri tal-procedura odjerna, tenut kont ukoll tal-principju li dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandu jigi mfixkel leggerment.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba tal-Avukat Dr. Robert Zammit kif kontenuta fir-rikors tieghu tas-6 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti tidderiegi lir-Registratur jeffettwa d-debiti registrazzjonijiet skond il-ligi.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF